**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 06/21**
**Data:** It-Tnejn, 19 ta' Lulju 2021
**Ħin:** 05:38pm
**Post:** Online - Microsoft Teams

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera (Mis-6:48pm)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera (Sas-7:28pm)
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier (Mis-6:11pm)
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier (Mis-5:53pm sat-8:42pm)
Stephanie Fenech - Kunsilliera (Mit-6:43pm)
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**06.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**06.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**06.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**06.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**06.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**06.06** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**06.07** ***Quarterly Financial Statements;***
**06.08** **Approvazzjoni tal-*Financial Statements* bl-aġġustamenti suġġeriti mill-awdituri;**
**06.09** **Tenders;**
**06.10** **Xogħlijiet;**
**06.11** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**06.12** **Mozzjonijiet; u**
**06.13** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **06.** | **1.** | | | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. | 1. | 1 | | | Ma kinx hemm ittri ta' apoloġija | |
| **06.** | **2.** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| | | | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Baldacchino | Il-Minuti 05/21 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 06. | 2 | 2 | 05.02.24 | Sindku: Parkeġġ taħt l-art | Għandu jiġi jaqra il-Perit Matthew Casha | **Sindku** |
| | | | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |
| **06.** | **2.** | | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. | 2 | 3 | 05.06.02 | Camilleri: Revision Classes | Camilleri qalet li dawn kellhom jiġu posposti għal ġranet oħra peress li l-għalliema nqabdet fi kwarantina. | Camilleri |
| 06. | 2 | 4 | 02.05.02 | Viċi-Sindku: karozza abbandunata | Il-Viċi-Sindku qalet li din il-karozza ġiet imneħħija. | Viċi-Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 2 | 5 | 05.02.13 | Sindku: Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku qalet li skond l-aħħar informazzjoni għad baqa disa' ġimgħat biex jitlesta x-xogħol ta' pajpijiet u test tal-pressa. Ser jingħata t-tarmak fi żmien erbgħa ġimgħat n-naħa ta' Strejnu u jekk kollox jimxi kif pjanat sa' Ottubru ikun lest ix-xogħol. Il-Viċi-Sindku staqsiet għala l-Hydroponic Farm ma ngħatax aċċess għal ilma tat-tisqija. Is-Sindku talbet sabiex tinġieb l-informazzjoni kollha sabiex tkun tista' tkellem lill-WSC. | Sindku |
| 06. | 2 | 6 | 05.02.15 | Sindku: *Sleeping policeman* | Il-Viċi-Sindku staqsiet kif bqajna. Is-Sindku qalet li għandha laqgħa ma' TM u ser jiddiskutu dwar dan u fuq Triq Alfred Cachia Zammit dwar il-propostili ssuġerew TM. | Sindku |
| 06. | 2 | 7 | 05.03.04 | Sindku: Assoċċjazzjoni tan-naħħala | Is-Sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex niktbulhom li aħna qed naqblu mal-idea u rridu nidentifikaw liema sqaqin ser jitħallew għal dan il-għan. | Sindku |
| 06. | 2 | 8 | 05.02.09 | Chircop: Ktieb Triqat iż-Żejtun | Chircop qal li l-ktieb issa huwa lest u diġa ttieħdu ħafna kopji. Ġew printjati elf u ħames mitt kopja. Qal ukoll li f'Awwissu ser joħroġ il-ktieb gwida għat turisti u ser jiġu pprintjati seba' mija u ħamsin kopja. Il-ktieb ġie preżentat b'mod uffiċjali waqt żjara lill-Eċċellenza Tiegħu George Vella, President ta 'Malta nhar it-8 ta' Lulju kif ukoll ser titqassam kopja lill-Għaqdiet Żwietenu kopja lill-libreriji Maltin kollha. | Chircop |
| 06. | 2 | 9 | 05.02.10 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li l-permess ħareġ mill-Awtorita' tas-Saħħa għall-mija u ħamsin ruħ. Min ser jattendi irid ikun imlaqqam kontra l-Covid-19 jew inkella jippreżenta PCR neggativ. Wara ser issir bibita fi Ġnien il-Kmand. | Chircop |
| 06. | 2 | 10 | 05.05.01 | Chircop: *Eden Award* | Chircop li erġajna applikajna. Irċivejna li sar kollox tajjeb u r-riżultat joħroġ f'Settembru. | Chircop |
| 06. | 2 | 11 | 05.02.19 | Fenech: Capoeira | Fenech qalet li l-flus ħarġu mill-Kunsill u ser jingħata rifuzzjoni. | Fenech |

**06 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML06/21. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 3 | 1 | | Sindku: Parkeġġ taħt l-art | Is-Sindku qalet li l-Kunsill Konsultattiv qabel li jħallsu għall-istudju li jrid isir qabel dan il-proġett u rridu naraw meta ser jibda dan ix-xogħol ta' studju. Il-Viċi-Sindku staqsiet sadanitant jistax jiġi rranġat il-wiċċ peress li huwa perikoluż. Is-Sindku qalet li ġa saret it-talba lil IM għal dan. | Sindku |
| 06 | 3 | 2 | | Sindku: Bye-law tal-ħamiem | Is-Sindku qalet li fil-25 ta' Ġunju kien hemm t-tnedija mill-AKL flimkien mal-Mimisteru dwar l-alf tal-ħamiem sabiex isir kontroll. Aħna applikajna għall-bye-law pero għadna qed nistennew. Bħala kunsill ser inkunu qegħdin ningħataw minn dan l-alf. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 3 | 3 | | Sindku: Proġett *Olive Twist* | Is-Sindku qalet li fil-5 ta' Lulju sar il-*workshop* mal-iskola Primarja B fejn saru forom u disinji mill-istudenti fejn dawn ser jiġu mimlija bil-konkos u jitqghiedu madwar ir-roundabout ta' dan il-proġett f'Misraħ Dom Mintoff, b'hekk inkunu qed ninkludu l-kommunita' fil-proġetti tagħna. | Sindku |
| 06 | 3 | 4 | | Sindku: Triq il-President Anton Buttiġieġ | Is-Sindku qalet li din it-triq hija lesta u għad baqa' li jinżebgħu xi sinjali. Kellna diversi kritika dwar miżuri ta' sigurta' u suġġerimenti oħra bħal bollards u ser nitkellmu mal-perit dwar dan. | Sindku |
| 06 | 3 | 5 | | Sindku / Fenech: | Is-Sindku qalet li fis-7 ta' Lulju kellhom laqgħa hi u Fenech ma' Camille mill-*EIP Urban Mobility* li jkompli mal-proġett tal-*Slow Streets.* Bħala Kunsill intgħażilna sabiex isir proġett pilota u issir applikazzjoni mill-AKL sabiex isir filmat interattiv li n-nies tkun tista' tgħaddi suġerrimenti x'jixtiequ li jsir permezz tas-sistema interattiva. Issuġerejna li nibdew mill-pjazza. | Sindku / Fenech |
| 06 | 3 | 6 | | Sindku: *Mobile Vaccine Unit* | Is-Sindku qalet li ser ikollna ż-Żejtun l-*mobile vaccine unit* sabiex dawk kollha li jixtiequ jitlaqqmu jkunu jistgħu jagħmlu dan. | Sindku |
| 06 | 3 | 7 | | Sindku: Fondi mill-Era | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ħarġet skema fejn nistgħu napplikaw għal tisbiħ ta' żoni. Ser napplikaw għaż-żona ta' Ġebel San Martin. Is-Sindku qalet li għada għandha laqgħa mal-works sabiex jgħinuna dwar l-*storm water system* . | Segretarju Eżekuttiv / Sindku |
| 06 | 3 | 8 | | Sindku: *Noticeboards* | Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li l-avviżi mhux jitwaħħlu fil-ħin. Wara diskussjoni ġie maqbul li jekk ma jlaħħaqx Caruana, ikunu jistgħu jitwaħħlu mill-kunsilliera rispettivi. | Caruana |
| 06 | 3 | 9 | | Sindku: Xogħol fis-sala prinċipali tal-kunsill | Is-Sindku qalet li kienet ser titbajjad pero kif bdiet titqaxxar iddeċidejna li nħalluha fuq il-fil. Issa baqa jinbidel id-dawl u ssir kompetizzjoni tal-fotografija sabiex jitwaħħlu sett ritratti. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Sindku |
| 06 | 3 | 10 | 06 | DLG: Live Streaming | Id-Dipartiment infumana sabiex is-servizz tal-live streaming tal-laqgħat jinqaleb mal-GO. Kien hemm qbil li nagħmlu dan. | |
| 06 | 3 | 11 | 07 | DLG: Wifi4EU | Fenech qalet li għandna nissuġerixxu iktar postijiet fejn jista' jiżdied il-wifi. | Fenech |
| 06 | 3 | 12 | 08 | LCA: *European Mobility Week* | Fenech qalet li qed naraw kif tista' tiġi organizzata din is-sena. Fakkret li s-servizz tal-pulizija kien għoli wisq. Ser napplikaw għall-kompetizzjoni fejn jingħata massimu ta' €50,000 għat trasport minn van għall-pjazza u s-suq speċjalment għall-anzjani. | Fenech |
| 06 | 3 | 13 | 23 | Simon Mercieca: Bust tas-Sur Godfrey Grima | Ġiet imressqa proposta li jsir dan. Wara diskussjoni u ġew suġġeriti diversi żoni fejn jista' jsir. Ser issir laqgħa ma' min qed jipproponi dan il-bust. | |
| **06.** | **4.** | | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** | | |

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 4 | 1 | | Fenech: Bankina fi Triq Villa Cagliares | Fenech staqsiet dwar dan pero ma kinx hemm żvilupp fuq din il-kwistjoni | |
| 06. | 4 | 2 | 05.02.04 | Caruana Ray: Rifletturi f'Ġebel San Martin | Caruana qal li dawn ġew irranġati min-Nexos peress li kien hemm tgergir mir-residenti peress li kienu qed jagħtu għad-djar tagħhom. | Caruana |
| 06. | 4 | 3 | | Caruana Ray: Bankina fi Triq Santu Wistin | Caruana qal li din tinsab imfarka u irid isir tranġar malajr kemm jista' jkun. | Sindku |
| 06. | 4 | 4 | | Caruana: *Sleeping police* | Caruana staqsa meta ser teħel l-sleeping police fejn Tico Tico Bar. | |
| 06. | 4 | 5 | | Chircop: Bankina | Chircop staqsa għalfejn ma saritx il-bankina ta' quddiem il-Lasco fi Triq il-President Anton Buttiġieġ u dwar iz-zebra crossing fi Triq id-Delimara k/m Triq id-Dejma. | Sindku |

**06. 5. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 5 | 1 | | Caruana: Kameras | Caruana ssuġerixxa li nżidu l-kameras ta' sigurta' minħabba l-ammont ta' skart li qed jintrema illegalment. Caruana ssuġerixxa diversi żoni sabiex dawn jiġu nstalati. Fost dawn hemm Triq il-Faqqus u Triq il-Magħrubja. Kien hemm qbil dwar dan. Qal li qed jinqabdu nies jarmu u jittħaku l-qorti. Dan jgħin biex dan l-abbuż jinqata' | Caruana |
| 06. | 5 | 2 | | Viċi-Sindku: Siġra | Iċ-ċipressa li tinsab quddiemha ser tiġi miżbura. | Segretarju Eżekuttiv |
| 6 | 5 | 3 | | Fenech: *Bicycle racks* | Fenech qalet li r-racks huma lesti, kemm isiru t-tabelli u jitwaħħlu. | Fenech |

**06. 6. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 6. | 1 | | Viċi-Sindku: Weekend Break u Ġurnata kemmuna | Il-Viċi-Sindku qalet li dawn iż-żewġ attivitajiet minkejja r-restrizzjonijiet tal-Covid-19 kienu suċċess. Żiedet li kellha attivita' oħra għal Kemmuna imma ser tiġi kanċellata. | Viċi-Sindku |
| 06. | 6. | 2 | | Fenech: *Proġett - Digital Youth Exchange* f'Sardinja | Fenech qalet li għada ser jitilgħu Sardinja flimkien ma' ħames persuni oħra minn naħa tas-soċjetajiet żwieten u tlett żgħażagħ għal dan l-*exchange* . | Fenech |
| 06. | 6. | 3 | | Fenech: Vaċċin | Fenech qalet li dawk kollha li jixtiequ jieħdu l-vaċċin jistgħu imorru nhar l-Erbgħa peress li ser ikun hawn il-mobile clinic. Tlabna lill-knisja sabiex taċċetta li n-nies jistennew fl-oratorju wara li jieħdu t-tilqima u l-Arċipriet aċċetta. | Fenech |

**06. 7. *Quarterly Financial Statements;***

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 7 | 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-*Quarterly Financial Statements* għall-ewwel kwart tas-sena. Spjega d-dħul u ħruġ u irraporta li spiċċajna b'surplus ta' €19,000 | Segretarju Eżekuttiv |

**06. 8. Approvazzjoni tal-Financial Statements bl-aġġustamenti suġġeriti mill-awdituri;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| 06. 8. 1 | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-aġġustamenti hekk kif proposti mill-awdituri. Wara li ġew spjegati kien hemm qbil unanimu dwar dan. | Segretarju Eżekuttiv |
| **06. 9.** | **Tenders;** | | |
| **Riferenza Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. 9. 1 | Sindku: Tenders | Is-Sindku qalet li l-evalwazzjoni tat-tenders li rċivejna saret u issa irridu napprovaw, nippruvaw biex ma ndumux kemm nistgħu biex isir dan il-proċess malajr kemm jista' jkun. | |
| **06. 10.** | **Xogħlijiet;** | | |
| **Riferenza Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. 10. 1 | Sindku | Is-Sindku qalet li Triq Xrobb l-Għaġin għaddejjien ix-xogħlijiet u il-pjan huwa li jitlestew f'Ottubru. Il-W.S.C. għaddejja bil-ħidma sabiex ittejjeb il-kwalita' tal-ilma tax-xorb kif ukoll tibdel sistemi tad-drenaġġ fi Triq Tursin il-Bir, Triq Connaught fejn hawn twaqqfu mis-Supretendent minħabba studju li irid isir. Irringrazzjat lill-I.M. għat-tlestija ta' Triq il-President Anton Buttiġieġ. Il-proġett tal-Olive Twist tlestiet il-bażi u ntgħamlu erbgħin forma tal-kartun. Ġie suġerrit li dan isir inkonessjoni mal-anniversarju tal-225 sena minn meta sirna belt.<br><br>Dwar Gnien il-Kmandant sar ir-restawr tal-ġibja, tħawwlu 800 siġra u arbuxelli, tranġat il-vaska u sar ir-restawr tal-ħajt. Ser isir l-inawgurazzjoni nhar il-Ħamis u ser jibda jinfetaħ għall-pubbliku bejn it-8am u l-5pm. Ser ikun imżejjen il-Ġimgħa sabiex isir promozzjoni tal-ġnien għall-attivitajiet soċjali. | |
| **06. 11.** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. 11. 1 | Tabella tal-Ħlasijiet 06/21 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 06. 11. 2 | Talbiet għal Xiri Seduta 06/21 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 06. 11. 3 | *Petty Cash* - Ġunju 2021 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Ġunju hekk kif preżentat. Dan kienu jammontaw għal €111.77 | Segretarju Eżekuttiv |
| **06 12** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 06. 12 1 | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa | |
| **06 13** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8:47pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 23 ta' Awwissu 2021 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

IFFIRMATA
Maria Dolores Abela

Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv